MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1626/2004

**Allied Newspapers Ltd**

**vs**

**Jupiter Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Awissu, 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm123.89) rappresentanti l-prezz ta' servizzi ta' reklamar debitament rezi lilha mis-socjeta attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Ra n-nota tas-socjeta attrici ipprezentata fil-5 ta' Novembru 2004, li permezz taghha hija cediet s-sorte tal-kawza, izda zammet ferm il-kap tal-ispejjez.

Ra li s-socjeta konvenuta, ghalkemm debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta skond il-ligi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal wara li ra n-nota ta' cessjoni tas-socjeta attrici tal-5 ta' Novembru 2004, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-kawza, jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ispejjez kollha ta' dina l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------